**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Cuschieri

vs

Sicily Shopping to Malta – Ronald Gauci

CCT 148/19/MM

Illum, 24 ta' Novembru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-7 ta' Ottubru 2019 fejn talab is-somma ta' ħames mija u tmenin Ewro (€ 580), prezz ta' *air conditioner* u installazzjoni u transport, liema servizz kien provdut mingħand l-intimat, liema *air conditioner* żviluppa ħsara sena u ħames xhur wara li nxata.
Ra r-risposta tal-intimat pprezentata fis-27 ta' Novembru 2019, fejn ikkontesta t-talba billi eċċepixxa li l-istess *air conditioner* ma kienx inxtara mingħandu iżda minn ħanut *Bricoman* li kien jinsab Katanja. Hu spjega li kien joffri biss trasport minn Sqallija għal Malta iżda xorta kien staqsa lil *Bricoman* li infurmawh li huwa kienu joffru biss sena (1) garanzija.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi fil-każ odjern mhux qed jiġi kontestat li l-*air conditioner* żviluppatlu ħsara, u lanqas iż-żmien meta nqalet din il-ħsara. Pero', filwaqt li r-rikorrenti jgħid li huwa xtara dan l-*air conditioner* mingħand l-intimat dan tal-aħħar jgħid li xogħlu biss kien it-trasport. Madanakollu, ir-rikorrenti jsostni li l-intimat xorta għażel li jaqla minn postu dan l-*air conditioner* u ħadu. Di fatti r-rikorrenti jiddikjara *seduta stante* li kien ilu madwar tmien (8) xhur mingħajru.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti xehed quddiem it-Tibunal fejn spjega illi kien xtara *air conditioner* mingħand l-intimat fejn dan tal-aħħar kien qallu li għandu garanzija ta' sena iżda kien sab

minn fejn xtrah u infurmawh li kellu garanzija ta' sentejn. Illi r-rikorrenti jsostni li l-intimat kien aċċetta li jaqla dan l-*air conditioner* u kien baqa' għandu. Huwa kien ħallas erba mitt Ewro (€ 400) biex xtrah, mitt Ewro (€ 100) biex jiġi installat u mitt Ewro (€ 100) għat-trasport.

L-intimat isostni li r-rikorrenti ma kienx xtara l-*air conditioner* mingħandu iżda minn ċertu *Bricomat* ġewwa Sqallija. Huwa jikkonferma li l-flus kien ħadhom hu u kellu l-lavranti sabiex iwettqu t-tiswijiet.

Illi tajjeb li jiġi osservat illi filwaqt li l-intimat isostni li huwa ma kellu x'jaqsam xejn għajr mat-trasport, huwa ma jinnegax li dan l-*air conditioner* huwa kien għażel li jaqilgħu minn fuq il-post wara li kien ġarrab ħsara. Illi mhux hekk biss, iżda filwaqt li l-intimat jgħid li jekk kemm il-darba r-rikorrenti xtaq jirranġa dan l-*air conditioner* huwa kellu jagħmel kuntatt hu ma' *Bricomat*, fl-istess waqt fir-risposta sottomessa minn bil-kitba, huwa jgħid li:

*'Meta sirna nafu bil-problema staqsejna lil ta' Bricoman u qalulna li huma jagħtu sena garanzija biss u għedna l-istess kliem li Sur Joseph Cuschieri. Kieku l-imsemmi ħanut aċċetta li jibdel l-air condition aħna konna ntelawh lura għalhekk mhux responsabbli ta' li ġara.'*

Illi t-Tribunal josserva li dan ma huwiex servizz li joffri dak li jkun strettament involut fit-trasport biss, Di fatti, fuq l-istess verżjoni mogħtija mill-intimat, it-Tribunal huwa konvint li r-rikorrenti kkontratta b'mod komplut u esklussiv ix-xiri ta' dan l-*air conditioner* mingħajr ma kellu ebda' kuntatt mal-kumpanija estera.

Jifdal għalhekk biss li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-garanzija. L-intimat isostni li dan l-*air conditioner* kien kopert b'garanzija ta' sena iżda huwa ferm tajjeb li jiġi nnutat dak dikjara fir-risposta tiegħu u ċioe,

'Kieku l-imsemmi ħanut aċċetta li jibdel l-*air condition* aħna konna ntelawh lura għalhekk mhux responsabbli ta' li ġara'.

Illi fl-ewwel lok dan ikompli jikkonferma l-<u>ħtieġa</u> li jħoss l-intimat li jitgħabba b'responsabbilta' lil'hinn minn sempliċiment trasportatur.

Illi fit-tieni lok, l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u ċioe l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi illi:

*78. Il-kummerċjant għandu jkun responsabbli taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformita' fi żmien sentejn mill-kunsinna tal-oġġetti. Dan il-perjodu għandu jiġi sospiż sakemm idumu għaddejin in-negozjati bejn il-kummerċjant u l-konsumatur bil-għan li jintlaħaq ftehim amikevoli.*

Illi dan jelimina kull dubbju jew skuża li fuqha jistgħa jserraħ l-intimat sabiex jevadi mill-obbligi tiegħu.

Għalhekk fiċ-ċirkustanzi, it-Tribunal iqis illi t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata u għandha tiġi milqugħa.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 580.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimat.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru